# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 27 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Alfred Fenech**

**Kumpilazzjoni Nru: 1306/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Fenech detentur tal-karta ta' l-Identita' Maltija numru 205340(M).

Akkuzat talli:-

F'Novembru 2009 u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu

(€2,329.37), ta’ vettura tal-ghamla Maruti Omni bin-numru ta’ registrazzjoni EAH-883 u oggetti ohra ghad-detriment ta’ l-ghaqda *Association for Abandoned Animals*, ai terminu ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ l-ghaqda *Association for Abandoned Animals*, ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Aktar talli sar ricediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-degriet tal-25 ta’ Gunju 2013 ta’l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef permezz ta’ liema l-proceduri odjerni gew assenjati lill-din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f’l-artikoli:

1. 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
4. 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rar li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz beda fuq rapport tad-Direttur tad-Dipartiment ta'l-Animal Welfare Promotion and Services maghmul fis-17 ta' Marzu 2009 f'liema rapport gie allegat li l-imputat kien appropja fondi ta'l-Association for Abandoned Animals[1] li kellha santwarju f'l-Industrial Estate il-Marsa. Ir-rapport kien jallega ukoll li rappurtagg f'media lokali li l-imputat kien sab numru ta' puppies abbandunati kienet qlajja intieza biex jingabru donazzjonijiet li l-imputat kien qed izomm ghalih. Rapporti simili saru minn volontiera ta'l-AAA ftit gimghat wara.

Illi l-Kummissarju ghall-Ghaqdiet Volontarji, il-Professur Kenneth Wain, xehed[2] u spjega li l-AAA kienet wahda mill-ghaqdiet volontarji li gew registrati fis-sena 2008, cioe meta nbeda il-process ta' registrar. Skond l-istatut ta'l-AAA il-President, fil-perjodu meta giet registrata, kien l-imputat pero ghall-habta ta' April 2009 kienet ghaddiet rezoluzzjoni f'l-laqgha generali u l-imputat tnehha mill-kariga ta' president. Il-Professur Wain spjega li ghalkemm kull ghaqda kellha tipprezenta l-accounts mar-registrar, l-AAA ma kenitx prezentat l-accounts taghha.

Illi Dr Mario Spiteri, d-direttur ta' l-Animal Welfare xehed ukoll[3]; kif ntqal huwa kien ghamel l-ewwel rapport mal-pulizija. Huwa spjega li f'xi zmien qabel ma kien ghamel ir-rapport lill-pulzija l-Gvern kien habbar skema permezz ta' liema kienu ser jinghataw xi fondi lill-ghaqdiet li kienu jiehdu hsieb l-annimali; wahda mill-ghaqdiet li kienet applikati ghal dawn il-fondi kienet l-AAA. Dr Spiteri jispjega kif f'Marzu 2009 l-imputat kien mar l-ufficju tieghu biex jistaqsih meta kienu ser jircievu l-fondi li kienu applikaw ghalihom l-AAA. Dr Spiteri zied jghid li l-ammont allokat ghall-AAA kien ta' €10,712 li seta' jithallas meta jigu sottomessi l-ricevuti ghax-xogholijiet li jkunu saru. F'dak l-inkontru qam disgwid bejn l-imputat u Dr Spiteri minhabba diskors u gesti li ghamel l-imputat, liema diskors u gesti qajjmu certi suspetti f'Dr Spiteri. Dr Spiteri rrakkonta ukoll li d-dipartiment tieghu kien ircieva rapport li f'post partikolari kienu qed igelldu l-klieb, ghalhekk kienu marru spetturi mid-direttorat tieghu flimkien mal-pulizija; fil-post ma sabu assolutament xejn. Ftit wara kien hemm rappurtagg f'gazzetta lokali li l-imputat kien sab puppies f'dak l-istess post u deher anke ritratt ta'l-imputat

[1] F'din is-sentenza din il-Qorti ser tirreferi ghal din l-assocjazzjoni bhala AAA.
[2] Ref depozizzjoni a fol 173 et seq.
[3] Ref depozizzjoni a fol 183 et seq u kontro ezami a fol 391 et seq..

flimkien ma' dawn il-puppies; l-iskop ta' dan ir-rappurtagg kien biex jinghataw donazzjonijiet lill-AAA. Dr Spiteri jsostni li ma jistax ikun li l-imputat kien sab dawk il-puppies abbandunati ghax l-ispetturi tieghu ma kienu sabu xejn fil-post indikat li seta' jindika li kien hemm xi klieb. Dr Spiteri zied jghid li minhabba l-atteggjament ta'l-imputat waqt dak l-inkontru fuq imsemmi u minhabba l-episodju tal-puppies l-AAA ma inghatatx fondi taht l-iskema fuq imsemmija.

Illi wahda mill-voluntiera ta'l-AAA li ukoll kienet marret tirrapporta lill-pulizija kienet Romina Formosa. Fid-depozizzjoni taghha[4] Formosa tispjega li hi kienet ilha voluntiera ma'l-AAA mis-sena 2002 ghas-sena 2012 u bdiet taghti ftit mill-hin taghha wara li kienet semghet mill-media dwar l-imputat u s-santwarju li kellu. Formosa spjegat li minbarra skema ta' membership kien hemm diversi attivitajiet ohra lil kienu jsieru biex jingabru fondi ghall-AAA. Kien infetah kont mal-Bank of Valletta, f'isem Formosa u voluntier iehor (Roger Grech), biex fih jinzammu l-flus ta'l-AAA. Formosa tghid li l-imputat kien ripetutament jistaqsiha ghal flus minn dan il-kont u hi kienet tohroglu cekkijiet. Formosa isemmi diversi episodji u cirkostanzi li bdew ihassbuha fuq l-imputat; issemmi:

- Lil certa Denise Caraduck li kienet taghthom xkejjer ta' l-iekel ghall-klieb li pero qatt ma wasal ghand l-AAA.
- Li l-bottijiet li kienu jhallu fuq l-istands ta' Baystreet ghad-donazzjonijiet tan-nies kien jigborhom l-imputat pero l-flus qatt ma ddepozitahom fil-kont fuq imsemmi.
- Li kien hemm xi persuni Germanizi li taw donazzjoni biex jissewwa s-saqaf tas-santwarju pero la gew depozitati flus fil-kont u lanqas sar ix-xoghol ta' tiswijja[5].
- Li l-iekel tal-klieb li kienu jircievu u kienu jhallu fis-santwaju ma kienux isibuh hemm l-ghada ghalhekk bdew ihalluh ghand wahda mill-voluntiera u fis-santwarju kienu jiehdu biss iekel sufficjenti ghal gurnata kull fil-ghodu.
- Li kienu josfru hafna ghodda u kullari tal-klieb li kienu jixtru huma stess.

[4] Ref depozizzjoni a fol 294 et seq u kontro ezami a fol 395. Ghandi jigi rilevat li Romina Formosa tat l-ewwel depozizzjoni taghha f'l-udjenza mizmuma fil-21 ta' Jannar 2011 ( a fol 21). Gara pero li waqt l-udjenza mizmuma fis-16 ta' Frar 2011 saret korrezzjoni fic-citazzjoni b'mod li l-proceduri regghu bdew mill-gdid; fil-fatt dak in-nhar inqrat ic-ctazzjoni kif korretta, u rega' sar l-ezami ta'l-imputat. La darba l-proceduri kienu regghu inbdew il-Qoorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-provi prodotti qabel din id-data ghalhekk d-depozizzjoni ta' Romina Formosa, mghotija fis-16 ta' Frar 2011 ghandha tigi skartata. Dak in-nhar kien ddepona ukoll Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta; ghall-istess raguni din id-depozizzjoni qed tigi skartata.

[5] Formosa ma tafx kemm suppost inghataw flus minn dawn il-Germanizi.

- Li kien hemm okkazzjonijiet meta persuni kienu jigbru xi kelb stray u jaghtuh lill-imputat biex izommu fis-santwarju flimkien ma donazzjoni; l-imputat fil-waqt li kien jaccetta d-donazzjoni ma kienx jiehu l-kelb fis-santwarju izda jhallih barra.
- Li kien joqghod jigri b'kelb imwegga fil-van biex jigbor donazzjonijiet li qatt ma dahlu fil-kont ta'l-AAA.
- Li kien hemm persuna Franciza (Jean Shamara) li kienet irkantat xi pittura biex ir-rikavat jinghata lill-AAA. Ir-rikavat minn dan l-irkant gie depozitat fil-kont ta'l-AAA pero eventwalment Formosa taghthom lill-imputat ghax riedhom; tghid li ma tafx x'ghamel bihom ghalkemm tghid ukoll li *"biex ma thallihiex johodhom"* xtrat van Peugoet Partner ghall-AAA u li ghadu ghand l-AAA. Formosa ma tispecifikax kemm kien l-ammont ta' rkavat minn dan l-irkant[6].
- Li inxtara van iehor Maruti ghall-prezz ta' Lm900 mill-fondi ta'l-AAA ghall-imputat.
- Li l-imputat kien jitlob cekkijiet biex ikun jista' jhallas petrol, diesel u ilma pero kien isarraf dawn ic-cekkijiet ghand certu wiehed kunjomu Balzan u jzomm il-cash.
- Li l-Vodafone kienu jaghtu donazzjoni ta' kull sena pero din ma kenitx tidhol fil-kont.

Illi in kontro-ezami Formosa tghid li certa Jeanine Vella, li originarjament kienet voluntiera ma' l-AAA kienet telqet mill-AAA u ffurmat organizzazzjoni taghha ghalhekk jekk il-Vodafone taw donazzjoni lil Jeanine Vella, l-AAA ma kienx ikollha x'taqsam ma' dik id-donazzjoni. Formosa ma specifikatx meta giet iffurmata din l-organzizzjoni gdida.

Illi Michael Balzan tressaq bhala xhud[7]; Balzan kien jiggestixxi pompa tal-petrol f'San Giljan. Huwa jikkonferma li l-imputat kien imur jixtri l-petrol min ghandu u eventwalment beda jsarrafflu xi cekkijiet; Balzan jiftakar li kien ikollu cekkijiet ta'l-AAA u cekkijiet ohra; jikkonferma li cekkijiet mahruga minn xi hadd Formosa ma kienx ikollhom isem il-persuna lil min suppost kienu pagabbli. Balzan jghid li gieli l-imputat kien jhallas il-petrol permezz ta' dawn ic-cekkijiet.

---

[6] Ghandu jigi rilevat li ghalkemm Formosa irrakkontat dan l-episodju meta giet mistoqsija tghid x'taf dwar donazzjoni ta' €10,500. Hija l-ewwel bdiet tispjega dwar irkant li r-rikavat tieghu suppost gie mghoddi lill-AAA imma spicca ghand xi terzi persuni, mbaghad irrakkontat dwar irkant iehor (dak fuq imsemmi). Formosa qatt maqalet jekk l-ammont ta' €10,500 kienx ir-rikavat ta'l-ewwel jew tat-tieni irkant.
[7] Ref depozizzjoni a fol 249 et seq.

Illi Jeanine Vella xehdet ukoll[8]. Hi spjegat li kienet ghalmet xi sitt, sebgha snin voluntiera mal-AAA; originarjamet kienu jnaddfu l-klieb biss imma mbaghad bdew anke jaghmlu attivitajiet ta' fund raising biex ikollhom il-fondi biex jsewwu l-klieb. Vella spjegat ukoll li kien hemm perjodu meta minhabba arretrati fil-kont tad-dawl ilma (circa Lm3,000) kienet ser tinqata' l-provvista ta'l-ilma, ghalhekk ghamlu attivitajiet ta' fundrasining biex jithallas dan il-kont. Ingabru Lm14,000 li gew mghoddija direttament lill-imputat pero il-kont baqa' ma thallasx tant lil l-provvista ta'l-ilma inqatghet. Meta rat hekk hija telqet mill-AAA pero tghid ukoll li gieli kienu juza kont minn taghha biex jiddepozitaw xi ammonti zghar li kienu jigbru minn car boot sales; dawn il-flus mbaghad kienu juzawhom biex isewwu xi klieb. In kontroezami Vella spjegat li hija ma tafx jekk l-Lm14,000 thallsux b'cheque jew cash u tispjega li din l-attivita ta' fundraising giet organizzata mal-Go u l-Vodafone b'xi sms's u li wara li kienet thallset is-somma principali baqaw jigi xi pagamenti ohra zghar u dawn thallu b'cheque li gew depoziatati fil-kont taghha.

Illi xehedt ukoll Chantal Chomart[9] li tikkonferma li hija kienet ghenet lill-AAA permezz ta' zewg irkanti ta' pittura; f'l-ewwel irkant gabru s-somma ta' circa €20,000 u fit-tieni irkant bejn wiehed u iehor l-istess ammont. Ghall-flus migbura mill-ewwel irkant giet kreata foundation biex il-flus jithallsu lill-AAA ftit ftit. Ma tghidx kif ghaddew il-flus mit-tieni irkant lill-AAA.

Illi Roslyn Agius kienet wahda mill-voluntiera li kienet tghin f'l-AAA. Fid-depozizzjoni taghha[10] tghid li minn meta kienet ghada teenager il-familja taghha kienu regolarment jaghtu donazzjonijiet lill-imputat pero qatt ma inghataw ricevuta. Meta kellha wiehed u ghoxrin sena iddecidiet li tmur tghin fis-santwarju ta'l-AAA u rat li l-klieb kienu mizmuma fi stat orribbli. F'dak l-istadju hasbet li forsi ma kienx hemm fondi bizzejjed biex l-annimali jinzammu fi stat ahjar pero mad-dekors taz-zmien irrealizzat li l-imputat kien qed jircievi l-flus u hu ma kienx qed juzahom ghall-klieb. Tghid li kien hemm persuna Germaniza li tat pellet iekel pero dan qatt ma wasal ghandhom u tghid ukoll kif mill-flus tal-bottijiet li kienu jhallu Baystreet xejn ma wasal ghand l-AAA ghax zamm kollox hu. Tirakkonta kif darba kienu ircevew kaxxa cineg u kullari tal-klieb u dawn sparixxaw.Tghid li l-imputat kien jammetti maghha li kien jiehu iekel mis-santwarju "*ghax ikollu*

[8] Ref depozizzjoni a fol 259 et seq u kontroezami a fol 418 et seq.
[9] Ref depozizzjoni a fol 288.
[10] A fol 312 et seq.

*bzonnu*"; li meta kienu qed japplikaw ghal xi skema tal-Gvern l-imputat beda jinsisti li jinghataw cash u mhux vouchers; li kien hemm Germaniza ohra li tat Lm3,000 biex jitranga is-saqaf pero ix-xoghol qatt ma sar. Tghid ukoll li fil-waqt li hi u l-voluntiera l-ohra kienu jdahhlu d-donations li jaqilghu f'l-account ta' Romina (Formosa), l-imputat qatt ma ddepozita d-donations li kien jircievi f'l-account imma jzommhom ghalih.

Illi xehdet ukoll Christine Stassers[11] li tghid li kienet regolarment taghti donazzjonijiet lis-santwarju. Tispjega kif darba minnhom l-imputat mar ghandha biex tghinu jhallas il-kont tad-dawl u ilma li kien ammonta ghal Lm3303.19, somma li accettat li taghtih. Gara pero li meta eventwlament marru ghand l-Enemalta biex jergghu jinghataw is-servizzi (ghax fil-frattemp kien inqata') saret taf li dak il-kont ta' Lm3303.19 ma kienx thallas ghalkemm hija kienet tat il-flus lill-imputat.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda ohra li fil-bicca l-kbira taghhom ikkonfermaw li huma kienu jaghti donazzjonijiet lill-AAA jew lill-imputat. Gew esebieti ukoll diversi dokumenti fosthom statements tal-bank u kopji ta' cekkijiet li kienu inhargu mill-kont ta' Romina Formosa u Roger Grech u gew mghoddija lill-imputat, cekkijiet li inhargu minn Chantal Chomarat u issarrfu mill-imputat f'isem AAA, u cekk mahruga minn Vodafone u msarraf mill-imputat f'isem AAA; dawn ic-cekkijiet aktar milli issarrfu gew depozitati f'kont ta' l-imputat. Ghandu jigi rilevat li d-dokumenti Dok 1, Dok 2 u Dok 3, il-kopji tac-cekkijiet mahruga minn Romina Formosa, huma kopja mhux awtentikata prezentata mill-istess Romina Formosa; la darba fil-proceduri penali ghandha tingieb l-ahjar prova u la darba kopja mhux awtentikata mhiex l-ahjar prova, dawn id-dokumenti ma jistghux jinghataw piz probatorju.

Illi l-imputat mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke ghazel li jaghti d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Fid-depozizzjoni tieghu[12] jghid li huwa kien ilu jigbor klieb abbandunati mis-sena 1979 u, meta bdew jinvolvu ruhhom xi voluntiera, ghamel l-AAA li eventwalment giet registrata ukoll bhala ghaqda volontarja. Jghid li s-santwarju bnih hu f'post mikri u li l-kera u l-bzonnijiet l-ohra kollha jithallsu mid-donazzjonijet li kienu jinghataw, gieli permezz ta' cekkijiet u gieli cash. Jghid li kien ta somma flus (Lm900) lil Janine Vella biex bihom tiftah kont ghall-flus ta'l-AAA u li f'dan il-kont

---

[11] Depozizzjoni a fol 350 et seq.
[12] A fol 444 et seq

dahlu ammonti mghotija mill-Vodafone; dan il-kont eventwalment Vella ghalqietu pero lilu ma nfurmatux. Jghid li lil Vella kien xtralha van biex tikun tista' tahdem bih pero meta telqet zammietu u dawrietu fuqha. Meta mbaghad Vella telqet mill-AAA Romina Formosa hadet over l-accounts ta'l-AAA. Jghid li Chantal Chomart tathom xi hamsin elf Euro li suppost gew depozitati minn Formosa pero hu qatt ma nghata rendikont ta' dawn l-ammonti. Dwar xi cekkijiet li huwa ddepozita fil-kont tieghu, minkejja li dak iz-zmien kien hemm il-kont f'isem Romina Formosa, jghid li ghamel hekk ghaliex hu kien jixtri u jhallas hafna affarijiet ghall-klieb u kien jaqbad u juza dawk il-flus. Dwar ic-cekkijiet li kienet taghtih Formosa u xi cekkijiet ohra li kien jircievi minghand in-nies jikkonferma li huwa kien imur is-Sibt ghand Michael Balzan, jixtri l-petrol u jsarraf ic-cekkijiet biex ikollu flus biex jixtri bzonnijiet ghall-klieb u ghas-santwarju. L-imputat jikkonferma ukoll li kien inxtara van Maruti biex ikun jista' jghabbi l-klieb u li dan gie registrat fuq ismu ghax hadd ma riedu fuq ismu; jghid li dan il-van huwa skreppjat ghax zmienu ghamlu. F'l-istqarrija tieghu[13] l-imputat jaghti bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni ghalkemm b'mod ferm aktar sintetizzata.

Illi l-imputat ressaq diversi persuni ohra bhala xhieda. Il-bicca l-kbira taghhom biex jghidu kemm ghamel l-imputat ghall-klieb abbandunati. Xehed ukoll accountant, John Zammit, li gie inkarigat mill-imputat biex jaghmel rendikont ta' spejjez li kien hallas l-imputat f'isem l-AAA. Ghandu jinghad li Zammit inghata l-inkarigu fis-sena 2015 u ibbaza r-rendikont fuq notamenti miktuba fuq bicciet ta' karti, u ricevuti (hafna minnhom mhux datati) li ma kienux jiffurmaw parti mill-atti u, ghalkemm prezentati flimkien mar-rendikont, ma gewx konfermati b'gurament.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tac-citazzjoni u tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebietat bir-reati ta' truffa (l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9) jew frodi innominata (l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9), l-ewwel imputazzjoni; u appropjazzjoni indebita (l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9), it-tieni imputazzjoni. L-imputat qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva.

Illi f'dan l-istadju huwa importanti li jigi rilevat li fit-termini tac-citazzjoni l-imputazzjonijiet odjerni huma bazati fuq frodi u/jew appropjazzjoni indebita

[13] Ref Dok 8 a fol 170.

perpetrati mill-imputat a dannu ta'l-AAA u mhux ta' kwalunkwe terza persuna ohra.

Ikkunsidrat

**L-ewwel imputazzjoni**

Illi l-ewwel imputazzjoni hija dik dwar truffa jew frodi innominata.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussistu r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> *Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*
>
> *La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
> 1) *un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
> 2) *la causazione di errore, il quale ... deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
> 3) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[14]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

[14] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat* ***ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma***[15] *ghax tkun giet ingannata.*[16]

Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa Antolisei jghid hekk:

*l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell'errore l'ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno….. Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale ... e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche ... essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in conseguenza dell'errore,* ***e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui***[17].[18]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa (predispost f'l-artikolu 308) u r-reat minuri ta' frodi innominata (predispost f'l-artikolu 309), huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-*

---

[15] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[16] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.
[17] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[18] Manuele di Diritto Penale op cit pagna 359

*vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.*

*Kwantu ghall-kwistjoni ... jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*[19]

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[20]

Ikkunsidrat

Illi stabbiliti dawn il-principji, u b'applikazzjoni taghhom ghal kaz in ezami, dak li jrid jigi stabbilit fil-kaz in ezami huwa jekk 1) giex perpetrat xi ingann jew qerq da parti ta' l-imputat; 2) li wassal lill-AAA biex taghmel jew ma taghmilx xi haga; 3) li gabitilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ta'l-imputat.

Illi d-diversi allegazzjonijiet li saru fil-konfront ta' l-imputat mix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni jistghu jigu sintetizzati hekk: li kien jircievi u jzonn ghalih donazzjonijiet (sia cash u sia cekkijiet) mghotija minn terzi; li kien izomm donazzjonijiet ohra (iekel u oggetti ohra) ghalih bla ma jaghithom lill-AAA; li kien jistaqsi lil Romina Formosa biex taghtih cekkijiet mill-flus ta' l-AAA li kien isarrafhom ghand Michael Balzan u jzomm il-flus ghalih; li kien zamm ghandu il-Van Maruti li kien inxtara mill-fondi tal-AAA; u li kien jiehu affarijiet mis-santwarju jew affarijiet ohra ta'l-AAA ad insaputa tal-voluntiera l-ohra.

---

[19] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

[20] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

Illi dwar id-donazzjonijiet li l-imputat kien jircievi personalment, liema donazzjonijiet kienu maghmula minn terzi biex jntuzaw ghall-htigijiet tas-santwarju jew tal-klieb hemm mizmuma, ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini ta'l-ewwel imputazzjoni kif dedotta. Dan ghaliex jekk gie perpetrat xi ingann mill-imputat biex jottjeni dawk id-donazzjonijiet, dan gie perpetrat fil-konfront ta' terzi (id-donaturi) u mhux fil-konfront ta' l-AAA . Lanqas jista' jinghad li l-AAA giet indotta taghmel jew ma taghmilx xi haga li gabitilha telf patrimonjali fic-cirkostanzi in ezami ghaliex kienu id-donaturi li gew indotti jaghmlu xi haga (jaghtu donazzjoni) li gabitilhom telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ta'l-imputat.

Illi lanqas l-allegazzjoni li l-imputat kien jiehu affarijiet li kienu ta'l-AAA minghajr l-approvazzjoni jew il-kunsens tal-voluntiera l-ohra ma tista tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-ewwel imputazzjoni. Skond dak li qalu il-persuni li ghamlu dawn l-allegazzjonijiet, l-affarijiet ittiehdu mill-imputat minghajr il-kunsens ta'l-AAA, zgur ghalhekk li ma jistax jinghad li l-AAA giet indotta tghamel jew ma taghmilx xi haga.

Illi fir-rigward tal-van Maruti, mill-provi prodotti jirrizulta li verament intuzaw fondi ta'l-AAA biex tinxtara van Maruti biex juzaha l-imputat. Mill-provi pero ma jidhirx li l-imputat ghamel xi forma ta' ingann biex ottjena din il-van. Skond Romina Formosa hija xtrat van (Peugeot Partner) biex juzawha ghall-klieb u l-imputat "*ried li hi tixtri vann lilu ukoll, ried jixtri Maruti van, ... u kellha ccedi .... kien xtrah Lm900 ... tatu l-flus, cekk*"; aktar minn hekk Romina Formosa tghid l-van Maruti nxtara mill-imputat ghal-uzu personali tieghu.[21] Ghalhekk jidher li l-imputat rid van, ghall-uzu tieghu, saqsa ghal flus biex ikun jista jixtri van, il-flus inghatawlu, u hu xtara il-van li baqa juzah sa kemm gie skreppjat. Ma jirrizulta l-ebda ingann f'dan ix-xenarju.

Illi dwar ic-cekkijiet mahruga mill-kont f'isem Romina Formosa u Roger Grech u li fih kienu jigu depozitati fondi ta'l-AAA is-sitwazzjoni hija differenti. F'dan il-kaz l-imputat kien imur ghand Formosa u jitlobha cekkijiet b'l-iskuza li jrid il-flus ghal petrol, ghall-ilma, jew ghal affarijiet ohra; hija kienet titolbu biex mbaghad igiebilha l-ircevuti pero dawn l-ircevuti qatt ma kienu jigu. Eventwalment hija rrealizzat li dawk ic-cekkijiet kienu qed jissarfu ghand Michael Balzan u li l-flus ma kienux qed jintuzaw ghall-htigijiet tas-santwarju.

---

[21] Ref fol 303.

Illi l-imputat mhux qed jikkontesta li huwa kien jitlob lil Formosa tohroglu cekkijiet li mbghad kien imur isarrafhom ghand Balzan pero hu jinnega li l-flus kien juzahom ghall-htigijiet tieghu personali; jghid li minnhom kien ihallas il-petrol u u jixtri iekel ghal klieb u affarijiet ohra ghas-santwarju. Il-Qorti pero hija tal-fehma li l-verzjoni mghotija mill-imputat hija inverosimili. Ma jaghmilx sens li jinhareg cekk ghal skop partikolari, per ezempju ghall-ilma, u minflok jintuza c-cekk ghall hlas ta'l-ilma, jissarraf ic-cekk biex mbaghad il-hlas isir permezz ta' cash. Din ta'l-imputat fil-fatt kienet messa in xena biex jottjeni cekkijiet li mbaghad kien juza ghal skopijiet tieghu.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija konvinta li l-ewwel imputazzjoni, in kwantu tirreferi ghal dawn ic-cekkijiet mahruga minn Romina Formosa, tirrizulta.

Illi ai fini ta'liema mis-subparagrafi ta'l-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 ghandu japplika ghall-kaz in ezami l-Qorti hemm diversi konsiderazzjonijiet x'isiru. Jibda biex jinghad li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ammissibbli biex tindika kemm inhargu cekkijiet minn Formosa fuq talba ta'l-imputat u liema minnhom issaffru minn Balzan. Balzan jikkonferma li huwa kien isarraf cekkijiet li kien jghaddielu l-imputat pero ma ta l-ebda indikazzjoni dwar kemm kien hemm cekkijiet li inhargu mill-kont ta' Formosa u kemm kien hemm cekkijiet li kienu pagabbli lill-AAA, wisq anqas jaghti ammonti precizi ta'l-ammonti imsarrfa.

Illi ladarba ma jirrizultax x'kien l-ammont li l-imputat ottjena permezz ta' dan l-ingann, u tenut kont li fil-kamp penali l-principju regolatur huwa in dubbju pro reo, l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li tapplika dak is-subparagrafu li l-aktar jiffavorixxi lill-imputat u cioe s-subparagrafu (d).

Ikkunsidrat

Illi l-elementi rikjesti ghall-approjazzjoni indebieta huma differenti, fis-sens li l-qerq li permezz tieghu l-agent jiehu xi vantagg mill-fiducja tas-suggett passiv huwa element tar-reat ta' frodi biss u mhux tar-reat ta' misappropjazzjoni indebita[22]. U dan ghaliex:

> *... l-element partikolari tar-reat ta' appropjazzjoni indebita mhux l-uzu ta'l-ingann da parti ta'l-agent biex jottjeni l-oggett,*

[22] Ref Pulizija vs Joseph Muscat Appell Kriminali deciz 03.03.1997.

*izda dik l-inverzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan. F'l-appropjazzjoni indebita ma jezisti l-ebda element ta' frodi*[23].

Illi l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat in ezami, appropjazzjoni indebieta, huma ben stabbiliti; irid jigi pruvat li l-imputat:

1. irceva flus jew xi haga minghand xi haddiehor;
2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik il-haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;
3. u minflok ma jaghmel hekk, dawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghalih jew ghal haddiehor.

Illi biex jigi pruvat ir-reat huwa necessarju ukoll li jissussisti d-dolo, cioe l-konsapevolezza li qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-propjetarju ta'l-oggett jew tal-flus in kwistjoni.

Illi ghalhekk irid ikun hemm il-vjolazzjoni tal-fiducja permezz ta' l-misappropjazzjoni ta' oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Din il-vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor.

Illi skond l-Antolisei:

*La vera essenza del reato consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*[24].

Illi aktar minn hekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar ir-reat issa in ezami:

*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn*

[23] Ref Pulizija vs Joseph Muscat op cit
[24] Manuale di Diritto Penale, Giuffre` 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

*min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*[25]

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, l-ewwel li jrid jigi stabbilit huwa jekk l-imputat ircievi xi haga minghand l-AAA esercitanti l-libera volonta taghha.

Illi mill-atti jirrizulta li l-unici affarijiet li nghataw lill-imputat mill-AAA kienu flus (fil-forma ta' cekk) biex jixtri van Maruti u c-cekkijiet (fuq imsemmija) li kienet tohrog Romina Formosa mill-fondi ta'l-AAA.

Illi kif diga ntqal m'hemm l-ebda dubbju li l-imputat nghata s-somma ta' Lm900, liema somma nghatat lill-imputat permezz ta' cekk, biex jixtri van. L-imputat fil-fatt hekk ghamel. Ma jirrizultax li kien hemm xi stipulazzjoni dwar x'uzu kellu jaghmel minn dan il-van, u lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi obbligu li xi darba jirritorna dan il-van. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-imputat appropja indebitament dik is-somma ta' Lm900.

Illi dwar ic-cekkijiet mahruga mill-kont ta' Romina Formosa jirrizulta li dawn inhargu bhala rizultat ta' l-ingann perpetrat mill-imputat u mhux bhala rizultat tal-libera volonta ta' l-AAA. Konsegwentement ma jistax jinstab hati tar-reati in ezami fir-rigward ta' dawn ic-cekkijiet.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-mputat qed jigi addebietat bir-recidiva. Ai fini ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat zewg sentenzi datati

[25] Ref Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997.

8 ta' Ottubru 2008[26] u li permezz taghhom, l-imputat, wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, gie ikkundannat multa.

Illi l-fatti li taw lok ghar-reati odjerni sehhew bejn fis-snin ta' qabel April 2009 ghalhekk fil-perjodu ta' hames snin li beda jiddekorri mit-8 ta' Ottubru 2008. Konsegwentement l-imputat ghandu jitqies recidiv ai fini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Ikkunisdrat

Illi dwra il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-naura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li kien jipprovdi l-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 fil-perjodu meta sehhew ir-reati odjerni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 49, 50, 308, 309 u 310(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputaazjoni ghandha japplika l-artikolu 310(1)(d) u tikunannah multa ta' €1160.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[26] Ref Dok 15 u Dok 16 a fol 219 u 331 rispettivemant.